**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Darren Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 44/17**

**Illum, 19 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Darren Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 488482M gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe' talli fl-20 ta' Frar 2016 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija u/jew hinijiet qabel bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghal ezekuzzjoni tad-delitt billi pprova jisraq zewg flixken xorb tal-ghamla Black Label minn fond bl-isem Pavi Supermarket sitwat fi Triq Manwel Dimech Hal-Qormi liema serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku gie esegwit kien ikun aggravat bil-hin u bil-mezz u li kieku sar kien ikun ghad-detriment ta' Jean Paul Fabri minn Hal-Lija u/jew persuni ohra.

Ukoll talli f'diversi zminijiet qabel l-20 ta' Frar 2016 mill-fond bl-isem Pavi Supermarket sitwat fi Triq Manwel Dimech Hal-Qormi u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' tmien flixken xorb [whisky] u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Jean Paul Fabri minn Hal-Lija u/jew persuni ohra liema serq hu aggravat bil-mezz, hin, u valur li ma jeccedix 2329.37 ewro.

Ukoll talli fix-xahar ta' Frar 2016, f'diversi hinijiet u zminijiet volontarjament hassar ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq sigilli fil-fond Pavi Supermarket sitwat fi Triq Manwel Dimech Hal-Qormi liema hsara ma tiskorrix il-mitejn u hamsin ewro ghad-dannu ta' Jean Paul Fabri minn Hal-Lija.

Ukoll talli fix-xahar ta' Frar 2016 f'dawn il-gzejjer xjentament xtara jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti cioe' flixken tax-xorb [whisky] u/jew oggetti ohra kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur li ma jeccedix 2329.37 ewro.

B'hekk rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali tal-imputat hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih izda li fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju elfejn usbatax (2017) huwa ammetta l-akkuzi kollha u kkonferma tali ammissjoni wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Rhona Custo' u tal-ufficjal tas-Sedqa Jacqueline Zammit li t-tnejn ikkonfermaw illi l-imputat kwazi ikkompleta programm ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga b'mod tajjeb u li huwa kien jinsab kompletament liberu minn kull droga. Huma wkoll ikkonfermaw illi l-imputat Darren Borg kellu atteggjament tajjeb u li xtaq li jbiddel hajtu;

Illi l-Qorti wara li semghet ix-xhieda taz-zewg ufficjali u stante l-eta' tenera tal-imputat u tenut kont illi l-Qorti thoss illi l-gustizzja trid tkun ukoll wahda riparatorja izda ukoll li tiehu hsieb it-tutela tal-vittmi ma hijiex ser timponi l-ebda sentenza ta' prigunerija ghalhekk hemm l-addebitu tar-recidiva;

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 278(3) u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Darren Borg hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u a bazi tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin kif ukoll liema Ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza u ghalhekk ghandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

Inoltre' u a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed timponi fuq l-imputat li jhallas is-somma ta' tliet mija u disghin Ewro (390) lill-parte civile u dan fi zmien sentejn (2) mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamin Mifsud**
**Deputat Registratur**